**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono, fis-Seduta 200 tas-16 ta' Marzu 1998 dwar id-dritt li l-Kamra tirregola l-proċeduri tagħha**

## RULING TA' MADAM SPEAKER

Fuq il-point of order imqajjem mill-Onor Censu Galea rigward il-fatt li fuq l-Ordnijiet tal-Ġurnata bħala l-ewwel item tidher il-kontinwazzjoni tad-diskussjoni fuq l-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma; u skond artiklu 28 ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1991, li jirregola l-istess Korporazzjoni, id-diskussjoni m'għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti; u din id-diskussjoni ġiet trattata fis-seduti numri 198 u 199 tat-13 ta' Marzu, 1998; is-Sedja eżaminat artiklu 67 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u prinċipalment subartiklu (1) ta' l-istess artiklu li jgħid:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Kamra tad-Deputati tista' tirregola l-proċedura tagħha stess.".

Is-Sedja rriferiet ukoll għal artiklu 6 ta' l-istess Kostituzzjoni li jindika s-supremazija tal-Kostituzzjoni soġġetta għal ċerti dispożizzjonijiet tagħha stess. Inter alia l-artiklu jgħid illi:

"… jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.".

Għaldaqstant joħroġ ċar illi l-fakulta' tal-Kamra li tirregola l-proċeduri tagħha tieħu prevalenza fuq kull dispożizzjoni ta' liġi li tiddisponi b'mod ieħor anke għar-rigward ta' kif isir ix-xogħol fil-Kamra.

Il-proċedura ta' din il-Kamra qiegħda tkun regolata sostanzjalment b'mozzjoni ta' proċedura li ġġib in-numru 60, kif emendata b'mozzjoni numru 81, u li ġiet approvata b'maġġoranza minn din il-Kamra.

Għaldaqstant minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1991 dwar id-diskussjoni ta' l-estimi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma mill-Kamra tad-Deputati, il-mistoqsija dwar l-approvazzjoni ta' l-istess estimi għandha ssir fis-seduta tal-lum skond il-Mozzjoni Nru 60 approvata minn din il-Kamra.

Għalhekk il-Kamra tgħaddi għax-xogħol tagħha f'din is-seduta skond l-Ordnijiet tal-Ġurnata kif jidhru fuq l-agenda tas-seduta tal-lum.